# ĠUŻEPPI U MARIJA GRECH
# Benefatturi tal-Knisja Parrokkjali

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*



## Mewt ta' Ġużeppi Grech (l-Għoqdi)

*Kien nhar is- 7 ta' Jannar 1965 - jiena kont ili saċerdot anqas minn 9 snin - kienu madwar il-5:00Pm meta fil-kantuniera ta' Triq Santu Wistin ma Triq San Girgor, iltqajt mal-mibki Dun Ġużepp Desira, prokuratur tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. Dun Ġużepp Desira u jien konna ħbieb ħafna; kull fil-għaxija konna niltaqgħu fid-Domus u spiss noħorġu flimkien xi passiġġata. Dak inhar lil Dun Ġużepp rajtu tiela minn Triq Santu Wistin xi ftit imħawwad. "X'ġaralek?" staqsejtu. Kien pront weġibni, "Ġej minn ħdejn Ġużeppi l-Għoqdi; ma tantx għ oġobni, għada sajmur l-isptar". Dak il-ħin jien għidtlu, "ħammurnaraħ", u hekk għamilt. Kemm Ġużeppi u kif ukoll oħtu Marija ħadu pjaċir biż-żjara tiegħi u laqgħuni bil-ferħ. Malajr indunajt li Ġużeppi kellu riġlejh minfuħ in wisq. "Ħa nqerr, Dun Joe", qalli. U qarartu. Talabni biex l-għada filgħodu mmur inqarbnu. Dak iż-żmien ma kienx permess it-tqarbin fil-għaxija. L-għada fil-għodu mort qarbintu qabel tlaqt lejn is-Seminarju fejn kont ngħallem.*



*Ġużeppi Grech bħala sagristan, waqt zjara tal-Kardinal F. Tedeschini fil-Parroċċa tagħna fis-sena 1955*

*Għall-ħabta tat-3:00Pm, waqt li kont nofsi rieqed fuq il-pultruna - kont nistrieħ xi ftit wara li nkun ġejt mis-Seminarju - ommi ġiet tqajjimni b'aħbar xejn pjaċevoli. "Joe, qum minn hemm", qaltli, "miet Ġużeppi l-Għoqdi!" inħsadt, għ aliex ma kontx qed nistenna aħbar ħaż ina bħal din.*

*Ġużeppi kellu biss 50 sena!*

## Kif jaħdem Alla

*Din il-ġrajja wrietni kif taħdem id Alla, Ġużeppi kien bniedem tal-Knisja fejn għamel xi snin sagristan. Imrobbi fi ħ dan familja tajba, meta kien tifel u żgħ ażugħ, kellu xewqa jsir saċerdot, iżda peress li minn natura kien xi ftit marradi, ma setgħax ikompli l-istudji tiegħ u. Iżda tant kien imdaħħal sewwa fil-knisja, li l-affarijiet tal-knisja u tal-qas-*

*sisin kien jafhom daqs, jekk mhux aktar, mill-qassisin infushom. Lili kien iħobbni ħafna. Iżda hu* ***qatt qabel ma lejliet li miet ma kien talabni biex iqerr għandi****, u qatt qabel ma kont mort f'daru biex inqarbnu. Iżda Ġesu' ried li ftit siegħat qabel imut, inkun jien li nisma' l-aħħar qrara tiegħu - ma kienx xi midneb - u nkun jien li nwassalu lil Ġesu' Ewkaristija. Tgħid kienet kumbinazzjoni li jien mort inżuru d-dar,* ***jew kienet l-id t'Alla tmexxina t-tnejn?***

## *Il-Familja ta' Ġużeppi*

***Indri Galea****, bin Wiġi Galea u Antonia imwielda Cassar, miż-Żejtun, iżżewweġ lil Margarita Xuereb, bint Martinu Xuereb u Angela imwielda Zammit, hi ukoll miż-Żejtun, nhar l-1 t'Awwissu, 1858. Indri u Margarita baqgħu joqgħodu fiż-Żejtun fejn kellhom ħafna wlied: Ġużeppa (twieldet 1859); Vincenzo (t.1861);* ***Katarina*** *(t.1863 - nhar it-13 ta' Diċemrbu); Carmelo u Giovanna tewmin (t.1866); Giovanna (t.1869); M,Gużeppa (t.1871);* ***Wiġi*** *(t.11 ta' Jannar 1877); Anġlu (t.1883); u Ġużeppi (t.1887). Għall-istorja tagħna l-aktar importanti huma Katarina Galea u Wiġi Galea, li allura kien 14 il-sena iżgħar minn oħtu Katarina. Jidher li l-laqam "Għoqdi", kien qadim f'din il-familja, għaliex ukoll dan Wiġi kien hekk magħruf fost iż-Żwieten. Nhar it- 2 ta' Ġunju, 1889, Katarina Galea, li allura kellha 26 sena, iżżewġet fiż-Żejtun lil Grezzju Falzon.* ***Dawn Katarina u Grezzju kienu in-nanniet maternali*** *(min-naħa ta' l-omm)* ***ta' Ġużeppi u Marija Grech****. Naraw kif.*



*Ġuzeppi Grech magħruf bħala l-Għoqdi*

## *Il-Ġenituri ta' l-aħwa Grech*

*Mill-ulied li kellhom il-koppja Falzon lilna l-aktar li tinteressana hi* ***Maria Anna****, li twieldet f'Casal Bisbut (ir-raħal ta' fuq) nhar is-27 t'April 1890. Sa ċertu punt, jinteressana wkoll ħuha Ġużeppi. Din* ***Maria Anna Falzon*** *iżżewġet fil-Kappella ta' l-Ispirtu s-Santu nhar il-5 ta' Novembru, 1911, meta allura kellha 21 sena, lil* ***Ġużeppi Grech****, li kien 3 snin iżgħar minnha.* ***Ġużeppi Grech u martu Maria Anna huma l-ġenituri ta' Ġużeppi u Marija Grech****. Ġużeppi Falzon, ħu Maria Anna, iżżewweġ lil Ġanna Bonnici, mara li min jafha sewwa, jgħidlek li kienet "qaddisa"! Ġużeppi miet nhar is- 7 ta' Mejju 1950, fl- eta' ta' 51sena, fid- dar Nru. 71, Triq Santu Wistin. Fl-istess dar mietet snin warajh martu Ġanna; 'l quddiem naraw għ aliex tajna din l-importanza wkoll lill-koppja Ġużeppi u Ġanna Falzon.*

## *Ulied il-koppja Grech*

*L-ewwel tarbija li Ġużeppi Grech u Maria Anna imwielda Falzon, kellhom ġiet imsemmija Mikiel. Dan Mikiel twieled fil-Ħerba nhar it- 22 ta' Jannar 1913. Fil-Magħmudija kellu bħala parrina liz-zija, Giovanna Galea. Iżda ħajjet iċ-ċkejken* ***Mikiel Grech*** *xejn ma kienet twila, għaliex hu miet nhar il-5 ta' Ġunju 1913, meta allura kien għad kellu biss 7 xhur! Iżda ta' min jinnota li din l-ewwel tarbija tagħhom mil-koppja Grech semmewha għal* ***San Mikiel!*** *Wara Mikiel twieled nhar it- 13 t'April 1914, fil-Ħerba,* ***Ġużeppi Grech, l-aktar persuna mportanti fl-istorja tagħ***

***na tal-lum***. *Dan Ġużeppi wiret il-Laqam "Għoqdi", il-laqam tal-familja minn naħa t'ommu Maria Anna u nantu Katarina Galea, oħt Wiġi Galea, li allura Ġużeppi kien issejaħlu* ***"Iz-Ziju Wiġi"***, *għalkemm propjament dan Wiġi kien iz-ziju t'ommu M'Anna, u mhux tiegħu.* ***It-tieni isem ta' Ġużeppi kien Mikiel,*** *s'intendi għal ħuh mejjet, tkompli hekk tidher fil-familja d-devozzjoni lejn dan l-Arkanġlu. Nhar il- 31 t'Ottubru 1915, twieled it-tielet iben:* ***Carmelo Grech*** *f'Ħal Bisbut. Ukoll dan Carmelo għex ħajja qasira ferm, għaliex miet ta' 19 il-xahar nhar is- 17 ta' Ġunju 1917. Hekk Ġużeppi Grech baqa' għal snin twal l-uniku tifel fil-familja, għaliex* ***Maria Grech***, *oħ tu żgħira twieldet bosta snin warajh, jiġifieri nhar il-21 ta' Mejju 1929, u allura* ***kienet 15 il-sena iżgħar minn ħuha Ġużeppi.*** *It- tnejn li huma baqgħu ma żżewġux. Sadattant il-familja Grech marret toqgħod fid-dar Numru 41, Triq Santu Wistin. Marija lili kienet tirrispettani ħafna: spiss kont noħroġ magħha meta kienet torganizza "Private" għ all festi jew għal Għawdex, u kienet tħobb kultant iġġibli xi larinġ mill-ġnien tagħha. Mietet f'Mejju 2003, fl-eta' ta' 74 sena fid-dar numru 91, Triq Santu Wistin, l-istess dar li fiha għexet għal bosta snin, għalkemm bin-numru mibdul. Id-difna tagħha saret fis-7 ta' Mejju 2003.*



**Marija Grech 1929 -2003**

## Wiġi Galea

***Wiġi kien ħajjat gwapp***, *midħla ħafna tal-knisja parrokkjali u għal bosta snin* ***prokuratur ta' l-altar ta' San Mikiel.*** *Fil-fatt ħafna mill-appartat tat-tieni klassi, bħal pjaneti u kapep tal-knisja, kien hu li ħiethom. Jien niftakar li meta madwar 50 sena ilu fiż-Żejtun kienu jsiru ħafna qassisin,* ***kien hu li jħit il-pjaneti tagħhom.*** *Bħala prokuratur ta' l-altar ta'* ***San Mikiel***, *dan Wiġi kien ħa ħsieb li ssir* ***il-vara ta' dan il-qaddis*** *mill-artist Għawdxi Wistin Camilleri fis-sena 1930. kienet qamet £30 u ġiet indurata minn Lorenzo Gatt mill-Birgu. Il-pedistall sar fuq disinn ta' Ġużeppi Decelis u x-xogħol ta' skultura fl-injam sar minn Pio Orsini. Bħala mudell għal din l-istatwa Camilleri, li kien ta' nisel Żejtuni, ħa l-vara ta' San Mikiel f'Bormla li kienet saret minn Mariano Gerada fl-1819. L-Arċipriet taż-Żejtun Dun Lawrenz Degabriele tant għoġbitu din il-vara taż-Żejtun, li tah £5 aktar milli talab l-artist Camilleri. Wiġi Galea dam għal snin twal jgħix fl-ewwel dar fuq ix-xellug ta' Triq il-Kbira, viċin il-Posta. Hemm għex u ħadem bħala ħajjat. Hemm miet ukoll nhar l-20 ta' Novembru 1970, fl-eta venerabbli ta' 93 sena. Dan ifisser li Ġużeppi Grech, li miet ta' 50 sena nhar it- 8 ta' Jannar 1965, kien saħansitra miet 5 snin qabel Wiġi Galea, iz-ziju t'ommu!*

## Grezzju Falzon

*Minn naħa t'ommu Maria Anna, Ġużeppi Grech kellu diversi kuġini. Zijuh Ġużeppi u martu Giovanna kellhom numru sew ta' subien bħala wlied: Ġużu, li meta kiber illawrja fil-mużika, Leli, Johnny li siefer fl-Awstralja u kien ħafna ħabib tiegħi qabel siefer, Grezzju, Pawlu u Toninu. Grezzju siefer fl-Amerika u hemm għamel isem fl-Edukazzjoni. Niftakar sewwa li dan Grezzju, sentejn biss iżgħar minni, minn dejjem kien bravu ħafna fl-iskola. Studja it-Teoloġija fl-Universita tal-Lateran, Ruma, fejn iggradwa bl-akbar unuri bit-teżi tiegħu "Problemi Contem-*

*poranei tra Stato e Cheisa". Kompla jistudja fl-Universitajiet ta' Parigi, Franza, u Los Angeles, l-Amerika. Rebaħ diversi boroż ta' studji minn aktar minn Universita' waħda. Bħala Professur fil-Lingwi, għallem fl-Oregon's Pacific University, Pepperdine University ta' Los Angeles u Indiana University.*

## *It-Testment ta' Ġużeppi Grech*

*Importanti ferm għal Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, hu* ***t-testment li Ġużeppi Grech għamel nhar l-14 ta' ta' Mejju 1964****, jiġifieri ftit xhur qabel mewtu, quddiem in-Nutar Dr.Antonio Carbonaro u x'xhieda F.Scicluna u Mose' Cassar. Wara li ħalla xi flus għal quddies għal ruħ u,* ***hu nnomina lil oħtu Marija bħala usufruttwarja tal-propjeta tiegħu****. Imbagħad bħala* ***eredi universali tiegħu u padruna assoluta ta' dak kollu li kellu, hu istitwixxa lill-Knisja Arċimatriċi u Parrokkjali taż-Żejtun****. Bħala esekutur tat-testment tiegħu Ġużeppi Grech innomina lil Dun Ġwann Palmier. Dan it-testment sar fid-dar "Cristo Re", numru 13, Triq Santa Katarina, Żejtun.*

***Dan hu l-maħbub Ġużeppi l-Għoqdi*** *popolari f'ħajtu qalb iż-Żwieten, u qatt minsi minnhom wara mewtu. Fi Triq Santu Wistin, fejn Ġużeppi kien joqgħod, inbena Maħżen ta' l-Armar tal-festa li x-xogħol fuqu sar kollu, b'mod volontarju mid-dilettanti ta' l-armar u kif inhu xieraq dan il-maħżen ingħata l-isem* ***Dar l-Armar Ġużeppi u Marija Grech****, sabiex jibqa' għal dejjem monument ħaj ta' tifkira ta' dawn il-benefatturi tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun.*

*Ħajr tar-ritratti lill:-*
*Carmel P. Baldacchino*
*Rev. George Spiteri*



**Ir-resdidenza fejn kienu joqgħodu Ġuzeppi u Marija Grech fejn illum inbena l-Maħzen ta' l-armar**